MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 85

8 ta' Novembru 2017

Minuti tas-seduta Nru. 85 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 8 ta' Novembru 2017 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

Il-minuti tas-seduta Nru. 84 tat-23 ta' Ottubru 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Park tal-Majjistral – Tibdil fil-ħinijiet li matulhom tista' issir il-kaċċa

**(A/4/10)**

2.1.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fis-27 ta' Ottubru 2017 ġie ppubblikat l-Avviż Legali 300 tal-2017, li jemenda r-regolamenti prinċipali L.S.549.83. Fost regolamenti oħrajn jipprovdi li ma tistax issir kaċċa fil-ħinijiet li ġejjin:

- Qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara n-12.30p.m. bejn Settembru u Novembru u matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun, bl-eċċezzjoni għal nhar ta' Erbgħa meta l-kaċċa ser tkun projbita qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-10.00a.m.;

- Qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-10.00a.m. matul Diċembru u Jannar;

- Qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-10.00a.m. bejn Settembru sa Jannar u fil-festi pubbliċi matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun;

- Qabel saghtejn minn tlugħ ix-xemx u wara s-2.30p.m. matul staġun miftuħ ma tistax issir kaċċa.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.2.1. Inizjattiva b'riżq il-*Community Chest Fund* (D/4/Vol IV)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u qal li permezz ta' imejl datat 8 ta' Novembru 2017, id-direzzjoni tal-Malta Community Chest Fund għarrfet illi l-attivitajiet li kienu ppjanati fil-lokalitajiet ġew ikkanċellati għaliex issa ser isiru bejn it-13 u s-16 ta' Diċembru 2017 f'Misraħ San Ġorġ, il-Belt Valletta. Minkejja dan, il-fondi li jinġabru bl-inizjattivi tal-Kunsilli Lokali xorta waħda jistgħu jiġu ppreżentati fl-attività tal-Istrina li ssir fis-26 ta' Diċembru. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-ġbir jista' isir waqt l-attivitajiet ta' Mellieħa International Christmas Festival fit-23 u l-24 ta' Diċembru.

2.2.3. u t-28 ta' Diċembru.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mal-proposta tas-Sindku fil-minuta 2.2.2.

## 2.3.1. PA 5909/17 – Żvilupp ta' sit konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq in-Nases, u Triq il-Fortizza (P/5/8/Z)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta ta' qabel u qal li fit-8 ta' Novembru 2017 saret laqgħa mal-Perit C. Cacopardo, li l-inkariġu mogħti lilu huwa skont t-termini ta' referenza li ġejjin:

- Sottomissjoni ta' ħarsa ġenerali tal-iżvilupp propost, u kif dan jirrelata mal-*policies* fil-Pjan ta' Struttura, il-Pjan Lokali għall-Majjistral u Linji Gwida li l-Awtorità tal-Ippjanar għandha fis-seħħ;
- Jagħmel rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar u entitajiet oħra nvoluti fl-ipproċessar tal-applikazzjoni in kwistjoni;
- Parteċipazzjoni f'konsultazzjonijiet pubbliċi li jistgħu jissejħu mill-Kunsill; u
- Jirrappreżenta lill-Kunsill waqt laqgħat tal-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar li jwasslu sad-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni.

2.3.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li s'issa l-Awtorità tal-Ippjanar ikkuntattjat lill-entitajiet pubbliċi li hija obbligata statutorjament li tikkonsultaha, iżda konsultazzjoni aktar wiesgħa mal-pubblika għadha ma nfetħitx. Huwa qal ukoll li fil-laqgħa mal-Perit Cacopardo, apparti t-termini ta' referenza, daħlet f'aspetti bħalma huma il-ħtieġa ta' studji dwar *Traffic Impact Statement*, *Retail Impact Statement*, kif ukoll il-*Planning Contribution*. Hemm il-possibiltà li dan ma jingħatax direttament fi flus mill-iżviluppatur, imma jintalab jipprovdi faċilitajiet li tibbenefika minnhom il-komunità,

2.3.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi msemmija fil-minuta 2.3.3.

## 2.4.1. Estensjoni tas-Solana Hotel fi Triq Ġorġ Borg Olivier (A/6/3/1/Vol 114)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u qal li saret laqgħa mal-iżviluppattur dwar it-tqegħid ta' *tower crane* fi Triq it-Tonn, u parkeġġ riżervat għall-vetturi fi Triq Sammy Bartolo, Triq Dun Franġisk Sciberras, u Triq Ġorġ Borg Olivier, b'rabta mal-estensjoni tas-Solana Hotel, skont il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar PA 6362/16.

2.4.3. Is-Segretarju spjega li l-iżviluppatur intalab jillimita l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-permess fir-rigward ta' Triq Sammy Bartolo, Triq Dun Frangisk Sciberras u Triq Ġorġ Borg Olivier, għall-jiem meta jkunu meħtieġa, sabiex ma tiġix ikkawżata frustazzjoni bla ħtieġa fost ir-residenti. Dwar it-*tower crane*, l-iżviluppatur intalab iġib dikjarazzjonijiet mir-residenti ta' Triq it-Tonn, fejn huma jgħidu li ġew infurmati, kif ukoll li ma jsibux oġġezzjoni li dan jitpoġġa fl-istess triq.

2.4.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.5.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2017 (F/5)

2.5.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta ta' qabel u qal li l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ġie nawgurat fis-7 ta' Novembru 2017 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 06/11/17;
- Skeda ta' Pagamenti – 21/10/17 – 06/11/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Servizz ta' *Wi-Fi* fil-Librerija Pubblika (L/4/Vol III)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 6 ta' Novembru 2017, mibgħut mill-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni, fejn ħabbret qed toffri servizz ta' wi-fi fil-libreriji pubbliċi lill-Kunsilli Lokali b'rata speċjali ta' €280 fis-sena. L-ewwel tletin Kunsill li japplikaw jingħataw sena b'xejn.

4.1.3. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz għandu jingħata fil-Librerija Pubblika.

### 4.2.1. Bankina ġdida fi Triq il-Marfa (T/4/7/VolIII)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 6 ta' Novembru 2017, fejn Transport Malta talbu l-opinjoni tal-Kunsill dwar iż-żbir ta' għaxar siġriet tat-*Tamarisk Africana* sabiex tkun tista' issir bankina bejn is-Seabank Hotel u l-Mellieħa Holiday Complex. Dan wara li l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi ma' approvatx li l-istess siġar jiġu spusstjati.

4.2.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 4.3.1. Estensjoni tal-*culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/12)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta ta' qabel u aċċenna għall-fatt li x-xogħol fuq il-*culvert* twaqqaf temporanjament fil-parti bejn Triq it-Tonn u Triq il-Madonna ta'Fatima. Dan minħabba ma kienx hawn provista ta' katusi. Is-Sur J. Buttigieg qal li ngħatat konferma min-naħa ta' Trasport Malta sabiex il-*culvert* jitkompla sa bi dritt Triq Adenau.

4.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.4.1. Parteċipazzjoni fl-avveniment Bethlehem f'Għajnsielem (A/5/5/Vol VII)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 25 ta' Ottubru 2017, fejn il-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem għamel stedina sabiex jinstabu għaqdiet li lesti jipprovdu bejn għaxra u erbatax-il persuna membri minn fosthom ħalli janimaw il-presepju li jsir f'dan ir-raħal. Il-Kunsill ta' Għajnsielem lest li jkopri l-ispejjeż tal-vapur.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li din l-istedina għandha tiġi estiża lill-għaqdiet tal-Mellieħa. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jieħu sehem fl-attività tal-Magi fuq il-livell li saret fl-edizzjoni 2017.

### 4.5.1. Tindif volontarju (T/6/1/Vol IV)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datata 8 ta' Novembru 2017, mibgħuta mill-HSBC UK Contact Centre, illi esprimew l-intenzjoni li jagħmlu tindif volontarju fl-inħawi tal-Għadira permezz ta' grupp ta' impjegati mill-istess entità.

4.5.3. Il-Kunsill qabel li wieħed mill-postijiet li jeħtieġ aktar attenzjoni minn dak indikat, huwa fejn hemm il-beleveder fi Triq il-Latnija fiċ-Ċirkewwa.

### 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 6 ta' Novembru 2017.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

### 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata wkoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-21 ta' Ottubru u s-6 ta' Novembru 2017.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

### 7.1. Pubblikazzjoni "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / Mellieħa *Through the Tides of Time*" (P/4/5/Vol III)

7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li tfassal programm dwar kif għandu jinġabar il-marterjal mingħand it-tmintax-il awtur differenti nvoluti f'din il-pubblikazzjoni. Sittax minn dawn il-kapitli jeħtieġu li jiġu tradotti mill-Malti għall-Ingliż, jew *vice-versa*. Dawn huma skedati li jaslu għand l-editur – is-Sur Jeffrey Sammut – bejn Novembru 2017 u Jannar 2019. Hekk kif dawn jaslu hija pproponiet li jiġu mgħoddija għat-traduzzjoni.

7.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed u approva l-proposta mressqa. Kien hemm qbil li għandhom jibdew it-tħejjijiet sabiex issir is-sejħa għall-offerti li tinvolvi l-issettjar u stampar tal-kotba, bil-għan li l-pubblikazzjoni tiġi mnedija f'Novembru 2018 fl-għeluq tal-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

### 8.1. Tħejjijiet għall-Milied Mellieħi 2017 (T/4/12)

8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini tat ħarsa lejn l-attivitajiet proposti għat-23, 24, 27 u 28 ta' Diċembru 2017, li jiżvolġu fil-knisja tal-Manikata u fil-Mellieħa f'Misraħ il-Parroċċa u Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Hija qalet li din l-edizzjoni qed tissejjaħ "*The Mellieħa International Christmas Festival*" minħabba li ser ikunu qed jipparteċipaw gruppi minn barra li ser ikunu Malta. Il-pjan huwa li n-nefqa totali ma taqbisx €24,000, li parti minnhom ser jiġi rkuprati mill-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-minuti 8.3 u 8.4, aktar 'l isfel.

8.3. Is-Segretarju għarraf illi wara talba li saret lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ingħata permess sabiex is-€6,000 li kienu ġew allokati għall-*Mellieħa International Music Festival* jintużaw għal finanzjament ta' Milied Mellieħi 2017. Il-Kunsill ġie mfakkar li l-Festival kien ġie kkanċellat minħabba li ħabat eżatt ma' jum il-votazzjoni tal-Elezzjoni Ġenerali ta' Ġunju 2017.

8.4. Is-Sindku qal li minn kuntatti li kien hemm mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu rriżulta li l-istess Awtorità ser tikkontribwixxi €3,000 biex isir it-tiżjin tat-toroq bid-dwal fil-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

8.5. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet li jsir użu mill-portal tal-Public Broadcasting Services li ġie offrut għall-perjodu bejn il-11 u l-31 ta' Diċembru 2017 b'nefqa ta' €637. Ġie propost li

jsir użu minn servizz ta' pubbliċità permezz ta' SMS's fuq telefons ċellulari. Kien issuġġerit ukoll li jiġu stampati fuljetti bil-programm sħiħ sabiex jitqassam lir-residenti fit-tramuntana ta' Malta.

8.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fir-rigward tal-fuljett, huwa lest li jressaq talba lill-Kumitat Reġjonali sabiex dawn jitħallsu mir-Reġjun.

8.7. Il-Kunsill approva l-proposti kollha mressqa.

### 9.1. Traffiku minn u lejn il-Mellieħa (T/3/2/Vol XII)

9.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna li kull meta jkun hemm il-ħtieġa li tingħalaq it-triq bejn ix-Xemxija u l-Mellieħa, tinqala konġestjoni kbira tat-traffiku, peress li l-aċċess mill-Miżieb u mill-Manikata m'għandhomx kapaċità biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għaliha. Huwa għalhekk ippropona t-tfassil ta' pjan ta' kontinġenza mal-awtoritajiet konċernati sabiex jitħaddem meta tinqala' l-ħtieġa. Bħala soluzzjoni parzjali, ġie propost li Triq il-Manikata (bejn Triq il-Wilġa u Triq il-Biedja) għandha ssir *one-way* 'l isfel, filwaqt li t-traffiku li jkun dieħel lejn il-Manikata mid-direzzjoni ta' Triq il-Wilġa jitla' minn Sqaq Ħarruba. Triq il-Mellieħa, Triq il-Knisja l-Qadima u Triq il-Biedja jibqgħu *two-way*, filwaqt li t-triq tal-Miżieb issir *one-way* fid-direzzjoni lejn il-Mellieħa.

9.3. Il-Kunsill qabel li dan il-pjan jiġi diskuss mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jitħaddem f'każi ta' emerġenza.

### 10.1. Manutenzjoni fuq *bus shelters* (B/6/Vol V)

10.2. Il-Viċi Sindku D. Vella ġibed l-attenzjoni li l-*bus shelters* fi Triq il-Kbira, fil-part bejn Triq il-Qortin u Triq Selmun mhumiex jixgħelu.

10.3. Is-Segretarju wieġeb li apparti dawn hemm diversi oħrajn proprjetà tal-Faces Consultants Ltd, li jinsabu fl-istess stat. Dan minkejja li ġew irrappurtati diversi drabi. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li Transport Malta ser toħroġ sejħa għall-offerti sabiex jinbidlu kollha b'oħrajn ġodda.

### 11.1. Ċimiterju Sultana tal-Vittorji (T/4/10/Vol II)

11.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi lmenta dwar in nuqqas ta' rispett u dinjità lejn min huwa midfun fiċ-ċimiterju msemmi. Huwa qal li dan qed jiġi kkawżat mill-operatur tas-Sea View Bar li hemm eżatt wara l-istess ċimiterju bid-daqq ta' mużika b'volum għoli, waqt il-ħin li dan il-post ikun miftuħ għall-pubbliku.

11.3. Il-Kunsill esprima d-dubji tiegħu kemm l-istabbiliment in kwistjoni huwa kopert bil-permess meħtieġ biex ipoġġi mwejjed u siġġijiet fil-*playing field*, filwaqt li appella għall-intervent tal-Pulizija dwar id-daqq tal-Mużika.

### 12.1. Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (P/10/5)

12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fil-laqgħa tal-Grupp Azzjoni Majjistral li saret fit-8 ta' Novembru 2017 sar magħruf li l-fondazzjoni ġiet allokata €2,000,000 li jeħtieġ tgħaddihom lill-għaqdiet volontarji u entitajiet pubbliċi fuq diversi azzjonijiet fis-sitt snin li ġejjin. Irriżulta li l-MAGF kien l-iktar wieħed li ngħata fondi minn fost it-tlieta eżistenti għab-bażi tal-prestazzjoni murija fit-tħaddim tal-programm preċedenti. Hija qalet ukoll li l-akbar preokkupazzjoni li qed jaffaċċja l-MAGF huwa s-sede minn fejn jopera, peress li l-fond attwali jrid jiġi vakat f'Diċembru 2017, u għalhekk jeħtieġ li jinstab post temporanju sakemm toħroġ is-sejħa għall-offerti.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**13.1.** ***Speed humps* fi Triq il-Mitħna l-Ġdida** **(T/3/2/Vol XII)**

13.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li huwa ġie avviċinat dwar il-ħtieġa li jsiru *speed humps* fi Triq il-Mitħna l-Ġdida fil-parti li tiġi fejn l-Iskola Primarja.

13.3. Is-Sindku kkummenta li waqt il-ħinijiet tal-iskola huwa diffiċli li jkun hemm sewqan b'veloċità qawwija, minħabba li jkun hemm diversi vetturi pparkjati u superviżjoni mill-Pulizija.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fit-8.26 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 28 ta' Novembru 2017 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**